TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rita Zawia

vs

Petroni Ltd

CCT 161/17/MS

12 ta' Marzu 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Settembru 2017, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' mitejn u tmenin Euro (€280.00), prezz ta' *washing machine* mixtri minghand l-azjenda intimata, liema *washing machine* wara li xtratha, dehrilha li kien zghir wisq ghall-htigijiet tal-familja taghha.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn wiegbet illi kienet ir-rikorrenti li ghazlet il-*washing machine* in kwistjoni u dan gie konsenjat lilha kif pattwit.

Sema x-xhieda

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi f'xi zmien, mhux indikatat, ir-rikorrenti marret fil-hanut tal-azjenda intimata biex tixtri *washing machine*. Wara li rat il-prodotti kollha ddecidiet li tixtri *washing machine* ta' seba *kilos* u halliet id-depozitu ghax-xiri tieghu. Wara xi ftit sighat rega' bdielha u cemplet il-hanut u biddlet l-ordni ghall-*washing machine* ta' sitt *kilos*. Dan gie accetat mill-azjenda intimata u dan il-*washing machine* gie konsenjat lir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti rat il-*washing machine* il-gdida dehrilha li kienet zghira wisq hdejn l-ohra li kellha ta' hames *kilos* u esebiet sett ta' ritratti fejn jidher illi bhala daqs u ghamla l-*washing machine* il-gdida kienet ftit izghar mill-ohra illi kienet ghandha. Ilmentat mal-azjenda intimata u Edwin Petroni mar fuq il-post u kien lest illi jbiddilhielha, pero qal li l-*washing machine* kienet giet

uzata ghax kien jidher is-sapun u ghalhekk ma setax ibbidilhielha. Ghalhekk ir-rikorrenti adixxiet lil dan it-Tribunal sabiex tigi rifuza l-ammont tal-prezz tal-*washing machine*.

Illi min-naha l-ohra ghall-azjenda intimata filwaqt illi jikkonferma dak illi qalet ir-rikorrenti, spjega illi s-salesgirl mal-ewwel kienet qaltilha li ghal familja ta' hamsa, anke l-*washing machine* ta' 7 *kilos* li originarjament ordnat, kienet zghira wisq. Pero, r-rikorrenti, wara jumejn, cemplet il-hanut u biddlet l-ordni ghal wahda izghar ta' six *kilos*, peress illi kienet rat ir-range kollu tal-*washing machines*. Sar id-delivery. Il-magna giet installata u haddmet. Wara xi hmistax - il gurnata r-rikorrenti talbet li l-magna tinbidel u gie fuq il-post Edwin Petroni, u qallha li ma kellux oggezzjoni biex jaghmel dan, basta ma tkunx giet uzata. Pero sab li fil-fatt il-magna giet uzata ghax kien hemm is-sapun mal-pompa. F'dawn ic-cirkostanzi, il-magna ma kenitx ghadha gdida u ghalhekk ma setax ibbidilhielha.

Ikkunsidra

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, li mhumiex ikkontestati, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorenti m'ghandhiex dritt illi titlob il-bdil tal-*washing machine* illi xtrat mill-azjenda intimata, u wisq anqas ir-rifuzjoni tal-prezz tax-xiri.

Jibda biex jinghad li l-attrici kellha kull opportunita li taghzel liema *washing machine* riedet meta hi marret personalment fil-hanut u rat il-firxa ta' prodotti offruti ghall-bejgh. Ghall-ewwel ghazlet magna ta' 7 *kilos* izda meta marret id-dar rega' bdielha, cemplet lill-azjenda intimata u biddlet l-ordni ghall-wiehed ta' six *kilos*, minn fuq it-telephone. Dan gie accetat u giet konsenjata magna ta' 6 *kilos* lir-rikorrenti. Peress illi bhala daqs u ghamla il-magna l-gdida kienet izghar minn magna ta' 5 *kilos* li kellha qabel, ir-rikorrenti hassbet illi giet moghtija xi haga differenti minn dak li ordnat. Ghalhekk ilmentat mal-azjenda intimata. Hmistax wara, Edwin Petroni spezzjona l-magna u kien lest li jbiddilha bil-kundizzjoni li ma kenitx uzata. Peress illi rrizulta li fil-fatt kienet uzata, is-sur petroni irrifjuta li jbiddilha.

It-Tribunal jinnota illi kienet l-attrici li ordnat *washing machine* ta' six *kilos* u minkejja illi forsi dina dehret izghar minn wahda ta' 5 *kilos*, ma jfissirx b'daqshekk, li l-kapacita' interna tal-*washing machine* ma kenitx wahda ta' 6 *kilos*. Fi kliem iehor, ma hemm l-ebda prova li l-*washing machine* konsenjata kienet ta' kapacita' differenti minn dak illi ordnat l-istess attrici. Pero, anke kieku, jibqa l-fatt illi ma sar l-ebda ilment dwar il-funzjonament tal-*washing machine*.

Billi sussegwentment ir-rikorrenti biddlet fehmitha ma jfissirx illi kien hemm xi haga hazina fil-*washing machine* konsenjata illi kienet decizjoni tar-rikorrenti stess, li hadet fuq it-telephone, wara li kienet hi stess rat id-differenza bejn *washing machine* ta' 7 *kilos* u ta' 6 *kilos*. L-unika preokupazzjoni taghha f'dak l-istadju kien biss dwar it-trasparenza o meno tal-hgieg, u li minhabba li l-bieb tal-*washing machine* ta' 7 *kilos* kien skur, ma setghetx tara

l-ilma. Id-decizjoni li tiehu l-*wahing machine* tas-6 *kilos* kienet tirrigwarda biss din il-problema u xejn aktar. Dan huwa ferm differenti mill-iskuza tal-piz li gabet wara l-konsenja. It-Tribunal ma jidhirlux li r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taggha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru